**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Gordy Mercieca**

Numru: 347/2018

Illum 30 ta' Novembru 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Gordy Mercieca,** iben Francis u Maria nee' Mizzi, imwieled fil-31 ta' Ottubru 1991 fir-Rabat, Ghawdex, residenti fil-fond Casa Mercieca, Triq Ghajn Tuta, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 2192(G), akkuzat talli nhar l-24 ta' Frar 2018, ghall-habta ta' 22:00hrs fl-Ghassa tal-Pulizija, Rabat, Ghawdex;

1. Bil-hsieb li jaghmel hsara lil Josef Mizzi ghamel rapport fil-konfront tieghu mal-Pulizija Ezekuttiva li permezz tieghu akkuzah b'reat jew reati meta kien jaf li l-persuna cioe' l-istess Josef Mizzi ma ghamilx dak ir-reat jew reati;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi;

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-Prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

1 Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti

ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputata.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputata u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

F'dan il-kaz xehdu biss Josef Mizzi (a fol. 13 et seq.) u Max Xuereb (a fol. 24 et seq.).

**IL-FATTI TAL-KAZ**

Josef Mizzi fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar, hekk għall-ħabta tal-ħdax (~ 11.00) ta' bil-lejl, ċemplulu mill-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat Ghawdex fejn infurmawh li l-imputat Gordy Mercieca kien ghamel rapport li hu kien prova jsuq fuqu. Gordy Mercieca ha footage mis-cctv u waqt ix-xhieda tieghu qal li rrizulta fin-negattiv.

F'dan il-kaz il-Prosekutur ma xehedx u allura l-Qorti ma tafx x'wassalhom biex iressqu lill-imputat il-Qorti u jixluh li "*hsieb li jaghmel hsara lil Josef Mizzi ghamel rapport fil-konfront tieghu mal-Pulizija Ezekuttiva*

*li permezz tieghu akkuzah b'reat jew reati meta kien jaf li l-persuna cioe' l-istess Josef Mizzi ma ghamilx dak ir-reat jew reati".*

Il-Qorti analizzat ix-xhieda li ta Josef Mizzi b'mod specjali meta kien qieghed ikun kontro-ezaminat:

> <u>*Avukat Dottor Damian Bigeni*</u>*:*
>
> *Ara, jekk ngħidlek illi dakinhar tal-inċident inti qbadt u soqt bil-karozza u ma xgħeltx id-dawl tiegħek, id-dawl tiegħek xgħeltu iktar 'il quddiem, kif jidher anke mill-video – taqbel? Ma xgħeltx id-dawl as in startjajt u flok xgħelt id-dawl dak il-ħin, soqt, imbagħad xgħelt id-dawl.*
>
> <u>*Ix-xhud*</u>*:*
>
> *Ma niftakarx eżatt.*
>
> <u>*Avukat Dottor Damian Bigeni*</u>*:*
>
> *Ma tiftakarx. Jista' jkun imma?*
>
> <u>*Ix-xhud*</u>*:*
>
> *Ma niftakarx eżatt.*
>
> <u>*Avukat Dottor Damian Bigeni*</u>*:*
>
> *Ma tiftakarx.*
>
> *M'intix qed teskludiha imma. Għax kieku mhux hekk kont tgħidli le.*
>
> <u>*Ix-xhud*</u>*:*
>
> *Ma niftakarx x'ġara –*
>
> <u>*Avukat Dottor Damian Bigeni*</u>*:*
>
> *Ma tiftakarx.*
>
> <u>*Ix-xhud*</u>*:*
>
> *– eżatt.*
>
> <u>*Avukat Dottor Damian Bigeni*</u>*:*
>
> *Jekk ngħidlek illi dakinhar kif jidher aħjar mill-video, inti tajtha ħruġ sewwa l-karozza fuq il-first, taqbel miegħi? Għax fil-fatt ħallejt daħna fuq il-video.*
>
> <u>*Ix-xhud*</u>*:*
>
> *Hemm il-video, hemm il-video. Tista' tarah.*

*<u>Avukat Dottor Damian Bigeni</u>:*

*Taqbel li tajtha ħruġ?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Hemm il-video.*

*<u>Avukat Dottor Damian Bigeni</u>:*

*Irrisispondini! Qed nistaqsik, taqbel li tajtha ħruġ il-karozza?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, ma naqbilx.*

*<u>Avukat Dottor Damian Bigeni</u>:*

*Waħda sew, sal-pjanċa?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le ma naqbilx.*

*<u>Avukat Dottor Damian Bigeni</u>:*

*Ma taqbilx!*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, ma naqbilx.*

*<u>Avukat Dottor Damian Bigeni</u>:*

*Kif tispjega – inti l-video rajtu.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Rajtu iva.*

*<u>Avukat Dottor Damian Bigeni</u>:*

*Kif tispjega d-daħna li ħallejt warajk fil-video?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Id-daħna, jekk kienet għadha kiesħa l-karozza! Mhux bilfors iddaħħan xi ftit!*

*<u>Avukat Dottor Damian Bigeni</u>:*

*Din x'karozza hi?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Toyota.*

*<u>Avukat Dottor Damian Bigeni</u>:*

*Xi 1.6, petrol, x'għandha, 1.8, petrol?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*13.*

*Avukat Dottor Damian Bigeni:*

*13, petrol, turbo?*

*Ix-xhud:*

*Turbo.*

*Avukat Dottor Damian Bigeni:*

*Turbo.*

*Ix-xhud:*

*Ma soqtx għal fuqu imma.*

*Avukat Dottor Damian Bigeni:*

*Mhux dik il-mistoqsija tiegħi. Jiena qed nistaqsik jekk soqtx naqra żejjed dakinhar, soqtx naqra sparat minn miegħu dakinhar?*

*Ix-xhud:*

*Jiena għalija normali.*

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR IR-REAT

### L-Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali

Din il-Qorti kellha l-opportunita' tidhol fid-dettal dwar l-elementi mehtiega biex tinstab htija dwar dan ir-reat fis-sentenza Taghha fl-ismijiet il-**Pulizija vs Steve Caruana**[2] deciza fis-27 ta' Jannar 2016.

Illi mid-dicitura tal-Artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dan ir-reat hija illi taghmel hsara lill-persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza trid tkun tali illi a bazi tal-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati.

[2] Kaz Numru: 111/2014

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija vs Doreen Zammit** deciz 15 ta' Gunju 2001 fejn gie deciz li *"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l- element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kienitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak li jghallem l-Imhallef William Harding fejn fil-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tratta r-reat ta' **falza denunzja**:

> "*Biex ikun hemm ir-reat ta` falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok hal azzjoni kriminali persegwibili quddiem il-Qorti ta` Gustizzja Kriminali. Ghaldaqstant min jiddenunzja falsament membru tal-Pulizija, li naqas mid-dmirijiet tieghu, ghalkemm jista` jgib konsegwenzi serji skond l-Oridnanza tal-pulizija, ma hux hati ta` kalunja. Ghax denunzja simili tista` taghti lok ghal inkjesta mill-kummissjaru tal-Pulizija, u l-piena tigi irrogata mill-Eccellenza Teighu l-Gvernatur, jew mill-Kummissajru jew Ufficjali iehor kompetenti, imma ma taghtix lok ghal azzjoni kriminali kontra dak il-membru tal-pulizija quddiem il-Qrati Kriminali. Dik id-denunzja pero`, tammonta ghal ingurja lil dak il-membru tal-Pulizija, u tigi*

*punita taht dispozizzjonijeit diversi minn dawk li jikkontemplaw ir-reat tal-kalunnja.*"[3]

Illi dwar il-kalunja l-Professur Sir Anthony Mamo jsostni li:

> *... the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct, such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of... indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.*

Illi l-imputat irrapporta lill-Pulizija Ezekuttiva incident li fil-fehma tieghu seta' sehh. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kien qed jipprova jiddenunzja **fatt** (enfasi tal-Qorti) li fil-fehma tieghu ma sehhx. Dak li kellha tipprova l-Prosekuzzjoni kien li l-imputat kien qed jiffabrika storja.

Ghaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk ser jigi liberat.

Il-Qorti terga' tiehu l-opportunita' biex turi t-thassib Taghha dwar drawwa li jidher li qabdet sewwa f'Ghawdex li meta jsir rapport lill-

---

[3] **Il-Pulizija Vs Vincenzo Attard** tas-7 ta' Novembru 1949

Pulizija u mill-istharrig ma jirrizultax ma jkunx ifisser li dik il-persuna ghamlet rapport falz kif jinsab mixli l-imputat.

Il-Pulizija ghandha tara tassew hemmx lok li jittiehdu passi dwar ir-rapport li jkollha u mhux taqbad u tressaq lil dak li jkun u mbaghad thalli lill-Qorti tiddeciedi u dan b'telf ta' hin prezzjuz ghall-Qorti u spejjez zejda ghall-persuni involuti.

Din il-Qorti mhix se tkun parti f'dawn il-piki stupidi u skandaluzi fejn persuni jippretendu li jiddettaw huma dak li ghandu jsir f'dawn il-Qrati.

Ghandhom piz kbir il-Gudikanti, il-Pulizija u l-Avukati biex ma jhallux li dawn il-Qrati jispiccaw il-fora biex ikabbru l-piki bejn il-partijiet, isiru vendikazzjonijiet minn min hu obbligat li jwettaq il-hidma tieghu skont il-kariga fdata lilu u jippremjaw lil min jaghzel il-litigazzjoni fil-Qrati ghal kull haga li tinqala.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li proponiet l-Imhallef Consuelo Scerri Herrera fis-seduta inawgurali taghha tal-11 ta' Lulju 2018:

> "Forsi wasal iz-zmien sabiex tigi introdotta sistema ta' skrutinju aktar rigoruza sabiex ikunu biss dawk il-kazijiet *bona fede* li jersqu quddiem il-Qrati. Ghalkemm din hi proposta kontroversjali, **rajna kazijiet fejn il-prosekuzzjoni tressaq biex tilghab *safe*.** Dan fil-fehma tieghi m'ghandux ikun. Apparti t-trawmi li jghaddu minnhom dawk il-persuni u l-familji taghhom! In oltre, dan ghandu allura jtaffi il-piz li l-Qrati taghna

moghmija bih fil-prezent. Mill-banda l-ohra, l-gustizzja tista' tigi servuta fejn misthoqq fi zmien aktar ragjonevoli. Dan in lineja mal-principju – *justice delayed is justice denied."* [Enfasi tal-Qorti]

Kieku f'pajjizna ghandna skrutinju aktar rigoruz sabiex ikunu biss dawk il-kazijiet *bona fede* li jersqu quddiem il-Qrati, kieku dan il-kaz ma kienx jispicca quddiem din il-Qorti.

**DECIDE**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u tilliberah.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**